- 6 DEC 2024

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 606**

**It-Tnejn 4 ta' Novembru, 2024**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar fil-5.16 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Marc Vella Bonnici – Viċi Sindku
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Leone Sciberras - Kunsillier
Toshera Schembri - Kunsilliera
Carlo Scicluna - Kunsillier
Joseph Agius – Kunsillier
Patrick Barbara – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Mark Grech – Kunsillier
Martina Baldacchino - Kunsilliera

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**606.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

606.1.1 Inqraw ittri ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Mark Grech u mis-Sinjorina Martina Baldacchino fejn talbu li jkun skużati milli jattendu għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Mark Grech u s-Sinjorina Martina Baldacchino jkunu skużati.

**606.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti**

606.2.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-minuti tal-laqgħa 603, 604 u 605 ġew unanimament approvati.

**606.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

606.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba mibgħuta mill-impjegati tal-Kunsill fejn talbu l-approvazzjoni tal-Kunsill biex numru ta' siegħat ta' *vacation leave* tas-sena 2024 jiġu akkumulati mal-*vacation leave* tagħhom għas-sena 2025. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jilqa' it-talba tal-impjegati.

606.3.2 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill se jibbenefika minn skema tas-*Solar Light Poles* u ġie mistieden jiffirma *Memorandum* ta' Ftehim nhar it-Tnejn, 18 ta' Novembru, 2024. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jiffirma dan il-*Memorandum* ta' Ftehim.

606.3.3 Is-Sindku qal illi skont l-Artiklu 70 tal-Att dwar Gvern Lokali trid issir laqgħa pubblika sabiex jiġi diskuss l-estimi annwali. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa annwali ssir fis-16 ta' Diċembru, 2024 fis-6.00 ta' filgħaxija fis-Sala tal-Kunsill Lokali.

606.3.4 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li nhar il-Ħamis 19 ta' Diċembru, 2024 tiġi organizzata ikla tal-Milied għall-membri tal-Kunsill.

606.3.5 Fil-5.23 ta' filgħaxija il-Kaptan Patrick Barbara daħal għal-laqgħa.

606.3.6 Riżoluzzjoni dwar SPI/SCI/8/2024–Espressjoni ta' Interess - Finanzjament Karnival 2025.

606.3.7 Is-Sindku qara r-riżoluzzjoni quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni SPI/SCI/8/2024 – Espressjoni ta' Interess - Finanzjament Karnival 2025 waqt il-laqgħa numru 606 li saret nhar it-Tnejn, 4 ta' Novembru, 2024. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Carlo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimanent li japplika għall-Espressjoni ta' Interess - Finanzjament Karnival 2025 sabiex jinkisbu fondi biex ikunu organizzati l-attivitajiet tal-Karnival għas-sena 2025.

606.3.8 Is-Sindku qal li kien se jagħti rendikont tal-attivitajiet li saru peress li l-laqgħa tal-ġimgħa ta' qabel ma saritx minħabba nuqqas ta' *quorum*. Is-Sindku semma li matul tmiem il-ġimgħa, fiċ-ċimiterju kien hemm mixgħela bix-xemgħat bħas-snin ta' qabel, fejn xi xemgħat ġew mogħtija mit-tfal tal-iskola, filwaqt li oħrajn ġew mixtrija mill-Kunsill. Is-Sindku semma wkoll il-*coffee morning* li ġie organizzat mill-Kunsill. Il-Viċi-Sindku staqsa jekk dawn l-attivitajiet kienux ġew approvati mill-Kunsill. Is-Sindku wieġeb li dawn l-attivitajiet ma ġewx approvati għax kien biħsiebu jsemmihom matul il-laqgħa tal-ġimgħa ta' qabel, li ma saritx minħabba nuqqas ta' quorum. Il-Viċi Sindku qal li l-attivitajiet saru mingħajr l-approvazzjoni tal-Kunsill u li ma kienx hemm komunikazzjoni mal-membri, għalkemm xi Kunsillieri kienu preżenti għall-attività. Is-Sur Joseph Buttigieg irrimarka li meta hu kien jorganizza attivitajiet bħal *coffee mornings*, kien jipprepara xahar bil-quddiem u mhux ġimgħa qabel. Il-Viċi Sindku qal li s-Sindku seta' għal tal-inqas javża lill-membri tal-Kunsill permezz ta' *email* dwar dawn l-attivitajiet. Is-Sindku wieġeb li kellu l-intenzjoni li jiddiskuti l-attivitajiet matul il-laqgħa tal-ġimgħa ta' qabel li ma saritx. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa lis-Sindku għaliex ma talabx l-approvazzjoni matul il-laqgħa li saret f'Settembru. Is-Sindku wieġeb li uħud mill-avvenimenti kienu għadhom ma ġewx ippjanati. Is-Sur Joseph Buttigieg insista li *coffee morning* kien jeħtieġ ħafna preparazzjoni minn qabel, inkluż il-permess tat-tombla mill-MGA li għandu jiġi sottomess minn ħafna qabel. Is-Sindku qal li l-permess jista' jiġi sottomess anke jum qabel l-attività, iżda s-Sur Joseph Buttigieg irrimarka li dan ikun bi spejjeż addizzjonali. Is-Sindku qal li kien hemm żieda fit-tariffi tat-tombla u kkonferma li l-permess kien ġie sottomess minn qabel. Il-Viċi Sindku talab li, f'każ li ma ssirx laqgħa tal-Kunsill, bħalma ġara, is-Sindku kellu javża lill-membri, speċjalment meta xi Kunsillieri kienu jafu dwar l-attività u oħrajn le. Il-Viċi Sindku semma wkoll l-ittra li ntbgħatet lill-ġenituri dwar l-avveniment fiċ-ċimiterju mingħajr ma l-membri tal-Kunsill kienu jafu. Is-Sindku qal li l-mixgħela taċ-ċimiterju qiegħda mniżżla fil-kalendarju ta' attivitajiet li jsiru annwalment mill-Kunsill. Il-Viċi Sindku rrimarka li jekk hemm kalendarju, din hija xi ħaġa tajba, u talab li jkollu kopja tal-kalendarju. Il-Viċi Sindku qal ukoll li jekk kien hemm spejjeż involuti mingħajr l-approvazzjoni tal-Kunsill, dan huwa illegali, u li l-fatt li parti mill-Kunsillieri ġew mistiedna u oħrajn le hija pastażata, u li m'hix aċċettabbli. Il-Viċi Sindku staqsa jekk jeżistix Sottokumitat għall-Anzjani. Is-Sindku kkonferma li le, u spjega li l-Kunsillieri mhux obbligati jkollhom Sotto Kumitat biex jorganizzaw attività. Is-Sindku żied li, għalkemm il-laqgħa ma saritx il-ġimgħa ta' qabel, il-membri tal-Kunsill kienu kellmu lil xulxin. Is-Sur Carlo Scicluna qal li sar jaf bl-attività mill-Każin tal-Partit Laburista u mbagħad iltaqa' mas-Sindku, fejn tkellmu dwar l-avvenimenti. Is-Sindku qal li għall-futur se jieħu ħsieb li jinforma lill-membri tal-Kunsill. Is-Sur Joseph Buttigieg talab li għandu jikseb l-approvazzjoni tal-Kunsill qabel ma jorganizza xi attività. Is-Sindku insista li kien se jressaqhom għall-approvazzjoni fil-laqgħa tal-Kunsill, iżda din ma saritx minħabba nuqqas ta' *quorum*, u qal li mhux ġust li avveniment ippjanat jiġi kkanċellat sempliċement għax ma setgħetx issir il-laqgħa.

606.3.9 Is-Sindku tkellem dwar talba għall-kollaborazzjoni sabiex jiġi varat presepju ġdid fi Triq Espeditu Catania, bil-ħsieb li jiżdied l-għarfien fuq d-drawwiet, l-arti u l-kultura Maltija ġewwa Ħaż-Żabbar. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata minn mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza din l-attività

b'kollobarozzjoni u li n-nefqa għal din l-attività tkun mhux aktar minn €300 VAT inkluż.

606.3.10 Is-Sindku informa lill-membri preżenti li ġie allokat fond mir-Reġjun Port li jippermetti lill-Kunsill jibbenefika sa massimu ta' €12,500 inkluż VAT biex jorganizza attivitajiet lokali. Is-Sindku ppropona li dan il-fond jintuża biex tiġi organizzata l-attività tal-varar tal-presepju fi Triq Espeditu Catania u t-tiżjin tal-Milied fit-toroq, flimkien ma' ċerimonja li fiha jiġi mistieden il-President tar-Reġjun Port biex jinxtgħel id-dawl kollu f'daqqa. Is-Sur Carlo Scicluna talab li d-dawl dekorattiv tal-Milied ma jinxtegħelx tard fl-aħħar ġranet tal-Milied, kif ġieli ġara. Is-Sindku kkonferma li d-dawl tal-Milied dejjem kien jinxtegħel fit-8 ta' Diċembru, ħlief is-sena l-oħra meta kien hemm dewmien ta' jumejn minħabba problema mal-kuntrattur, fejn minkejja li kien hemm ftehim, il-kuntrattur ma tfaċċax. Is-Sindku żied jgħid li din il-problema kienet affaċċjata wkoll minn seba' Kunsilli oħra li kellhom l-istess problema. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li japplika għall-fond tar-Reġjun Port u li t-€12,500 VAT inkluż jintefqu fuq it-tiżjin dekorattiv tal-Milied, iċ-ċerimonja tal-mixgħela u l-varar tal-presepju fi Triq Espeditu Catania.

606.3.11 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li St Patrick FC kienu talbu l-kollaborazzjoni tal-Kunsill sabiex jiġi ppubblikat il-kalendarju għas-sena 2025. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li bil-kollaborazzjoni ma' St Patrick FC jiġi ppubblikat kalendarju għas-sena 2025, liema spiża tammonta għal €1,575 VAT inkluż.

606.3.12 Is-Sindku ressaq talba li rċieva l-Kunsill biex triq tingħata l-isem għall-istudjuż storiku Żabbari, is-Sur Paul Xuereb. Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-isem tas-Sur Paul Xuereb jiġi miżjud mal-lista uffiċjali tal-ismijiet li minnha l-Kunsill jista' jagħżel biex isemmi triq meta jkun meħtieġ.

606.3.13 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill kien qed jiffinalizza l-applikazzjoni ta' Miżura 4 – *Development of Green Infrastructure*. Is-Sindku żied jgħid li kien issottometta l-applikazzjoni relatata ma' Vjal Kulħadd kif ukoll l-applikazzjoni mad-Dipartiment għax-Xogħlijiet. Il-Viċi Sindku qal illi xtaq jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill illi s-Sindku qed jagħmel sottomissjonijiet ta' applikazzjonijiet f'isem il-Kunsill mingħajr ma jkollu approvazzjoni formali. Il-Viċi Sindku rrimarka li filwaqt li jifthem li kien hemm skadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet, il-proġetti li ġew sottomessi fl-applikazzjoni ta' Vjal Kulħadd qatt ma ġew approvati uffiċjalment mill-Kunsill. Is-Sindku wieġeb li fir-rigward tal-applikazzjoni Vjal Kulħadd, fil-laqgħa preċedenti kienu ġew diskussi erba' proġetti li kellhom jiġu inklużi fl-applikazzjoni u li f'laqgħat ma' rappreżentanti tekniċi ta' Infrastruttura Malta ġie mitlub li wieħed mill-proġetti għandu jkun Misraħ is-Sliem u Misraħ San Ġakbu. Il-Viċi Sindku staqsa jekk Infrastruttura Malta kinitx talbet espressament għal dan il-proġett. Is-Sindku kkonferma li dan huwa korrett minħabba li din il-pjazza ilha fil-pjan biex issir. Is-Sindku kompla jgħid li magħhom ġew sottomossi wkoll pjanti tas-*cycle network*. Il-Viċi Sindku qal illi waħda mill-kriterji mitluba flimkien mal-applikazzjoni kienet l-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-

Sindku qal illi Infratruttura Malta diġa kellhom il-pjanti u diversi dokumenti relatati mal-proġetti li ġew sottomessi.

606.3.14 Fis- 5.47 ta' filgħaxija s-Sur Leone Sciberras daħal għal-laqgħa.

606.3.15 Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lill-membri preżenti li l-kriterju msemmi mill-Viċi Sindku ma ġiex sottomess. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li, jekk il-Kunsill jaqbel u m'għandux oġġezzjonijiet, jiġu approvati l-proġetti li ġew inklużi fl-applikazzjoni għal Vjal Kulħadd. Il-Viċi Sindku rrimarka li din il-materja ma kinitx imniżżla fl-aġenda tal-aħħar laqgħa tal-Kunsill u li l-applikazzjoni saret mingħajr ma l-Kunsill kien infurmat. Is-Sindku ċaħad dan u enfasizza li kien iddiskuta din il-materja miegħu ġimgħa qabel. Il-Viċi Sindku qal li l-konverżazzjoni kienet informali u hu sar jaf b'dawn it-taħditiet minħabba li s-Sindku kien qed jiddiskuti l-pjan għall-pjazza fil-post tax-xogħol tiegħu. Is-Sur Joseph Buttigieg saħaq li l-Kunsill għandu jiġi nfurmat b'mod adegwat. Is-Sindku spjega li l-Kunsillieri tal-leġislatura preċedenti kienu dejjem jiddiskutu l-proġetti u l-pjanti waqt il-laqgħat tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku qal li issa mhux isir l-istess. Is-Sindku qal li l-pjanti ta' Misraħ is-Sliem u Misraħ San Ġakbu għadhom mhux iffinalizzati għaliex f'dan il-proġett ġie mdaħħal *playing field* f'nofs il-pjazza. Is-Sindku kkonferma li la darba l-pjanti jkunu finalizzati, dawn jiġu sottomessi għall-approvazzjoni tal-Kunsill, u saħaq li ma kienx ser jagħti lok li jitlef proġett ta' tisbiħ ta' Misraħ is-Sliem u Misraħ San Ġakbu. Il-Viċi Sindku talab li l-Kunsill ikun jaf liema proġetti ġew sottomessi. Is-Sindku spjega li l-pjanti li pprepara l-perit tal-Kunsill għall-proġett tal-LESA kienu ġew inklużi fl-applikazzjoni għal Vjal Kulħadd. Barra minn hekk, is-Sindku rrimarka li l-proġetti li kienu approvati fil-leġislatura preċedenti baqgħu għaddejjin u li hu kien qed jagħti aġġornamenti dwarhom. Is-Sindku spjega wkoll li l-Kunsill kien diġà approva li jissottometti l-applikazzjoni għal Vjal Kulħadd u kienu ġew identifikati diversi proġetti. Waqt diskussjonijiet ma' Infrastruttura Malta, huwa għamel xi emendi fil-proposti tal-proġetti. Is-Sindku qal li s-sottomissjoni tal-applikazzjoni kienet meħtieġa biex Ħaż-Żabbar ma jitlifx proġetti importanti, u la darba l-pjanti finali jkunu lesti minn Infrastruttura Malta, dawn jiġu ppreżentati għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku enfasizza li għalkemm ma jaħsibx li l-Kunsillieri kien ser ikollhom oġġezzjonijiet fuq il-prinċipju tal-proġetti, huwa tenna li diskussjoni tal-proġetti waqt laqgħa tal-Kunsill ma tfissirx li dawn qed jiġu approvati formalment. Il-Viċi Sindku sostna li s-Sindku m'għandux imexxi l-proġetti mingħajr approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku wieġeb li kien mexxa skont il-linji gwida ta' Infrastruttura Malta, u dan kollu għall-interess tal-lokalità.

606.3.16 Fis-6.00 ta' filgħaxija s-Sinjorina Toshera Schembri daħlet għal-laqgħa.

606.3.17 Is-Sur Carlo Scicluna qal illi min ma kienx fil-leġislatura preċedenti m'għandhomx informazzjoni kompleta dwar ċerti proġetti. Is-Sur Carlo Scicluna spjega li waqt il-laqgħa tal-lokalità sar jaf b'diversi inizjattivi li qabel ma kienx konxju dwarhom. Is-Sur Carlo Scicluna saħaq li l-Kunsillieri għandhom ikunu infurmati dwar il-proġetti li qed jitħejjew fil-Kunsill biex ikunu jistgħu jirrispondu mistoqsijiet mir-residenti u jipprovdu *feedback* lis-Sindku. Is-Sindku fakkar lill-membri preżenti li l-lista tal-isqaqien li kienu ser jiġu rranġati mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet kienet diġà mgħoddija lill-Kunsill, u li permezz tal-kuntrattur tal-Kunsill kienu ser jiġu rranġati l-isqaqien ta' wara l-*Knisja* Arċipretali u Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja. Żied

jgħid li qabel iressaq proġetti għall-approvazzjoni tal-Kunsill, huwa jwettaq diversi preparamenti. Il-Viċi Sindku nsista li l-applikazzjoni kienet teħtieġ approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Sur Carlo Scicluna qal li hemm affarijiet li kien mingħalih li kienu ser isiru, iżda waqt il-laqgħa tal-lokalità sar jaf li mhux ser isiru qabel sena oħra. Is-Sindku ħeġġeġ lill-membri jressqu l-proposti tagħhom għall-estimi annwali tas-sena d-dieħla. Is-Sur Carlo Scicluna talab lis-Sindku sabiex jaqsam il-ħsibijiet tiegħu mal-Kunsill. Is-Sindku qal li l-proġett ta' Misraħ is-Sliem kien inkluż fil-manifest elettorali. Is-Sur Joseph Agius enfasizza li kien ilu jisma' dwar tisbiħ ta' Misraħ San Ġakbu u Misraħ is-Sliem, peress li dan il-proġett ġie diskuss diversi drabi f'laqgħat tal-Kunsill, speċjalment meta huwa semma l-problema tal-għargħar. Is-Sur Carlo Scicluna staqsa jekk il-proġett ta' Misraħ is-Sliem u Misraħ San Ġakbu kienx ser jgħin biex itaffi l-problema tal-għargħar li teżisti fi Triq Santa Marija, ħdejn Radju Hompesch. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv. Is-Sindku semma l-lista tal-proġetti li ġew inklużi fl-applikazzjoni: Misraħ is-Sliem u Misraħ San Ġakbu, żona pedonali fi Triq Santa Duminka, xogħol ta' tisbiħ fi Triq is-Santwarju li jinkludi bankini u tħawwil ta' siġar, xogħol infrastrutturali fi Triq Wied il-Għajn, *cycle lane* fi Triq San Ġużepp u Triq Ħaż-Żabbar, xogħol ta' titjib fil-*junction* bejn Ħaż-Żabbar u l-Fgura u *cycle network* bejn Triq il-Foss, Triq l-Aħħar Ħbit mit-Torok u Triq il-Kunsill tal-Ewropa, proġett ta' tisbiħ fi Triq Alessio Erardi u tħawwil ta' siġar, *cycle lane* u żona pedonali kif ukoll irranġar tal-bankina quddiem id-*Dog Park*, traffic management fi Triq Sant' Antnin, proġett ta' tisbiħ fi Triq GM Caruana u Triq Mons Sidor Formosa, Triq il-Pellegrinaġġ tar-Roti, Triq l-1 ta' Frar, Triq San Leonardu u Triq il-Farfett tal-Fejġel. Il-Viċi Sindku staqsa kif l-applikazzjoni ġiet sottomessa mingħajr il-pjanti dettaljati. Is-Sindku spjega li proġetti minuri ma kinux jeħtieġu pjanti sħaħ. Il-Kunsill kellu diġà disponibbli pjanti u rapport li ġew imħejja fil-proġett ta' *Slow Streets*. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk il-bankina fi Triq is-Santwarju kinitx ser tiġi rranġata. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv. Is-Sur Joseph Buttigieg talab informazzjoni dwar jekk kienx hemm xi proġett fi Triq Villabate. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill diġà approva li Triq Santa Duminka ssir żona pedonali, u li kienu saru diversi komunikazzjonijiet ma' Infrastruttura Malta dwar dan il-proġett. Il-Kaptan Patrick Barbara staqsa jekk il-Kunsill għandux il-permessi neċessarji biex Triq Santa Duminka tingħalaq. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv. Il-Kaptan Barbara esprima tħassib dwar id-dewmien tal-proġett u qal li Triq Santa Duminka għandha tingħalaq minnufih mingħajr ma' il-Kunsill jistenna l-proġett ta' Infrastruttura Malta. Żied jgħid li l-Kunsill m'għandux jippermetti li t-triq tibqa' miftuħa għal perjodu estiż jekk il-proġett jieħu ħafna żmien biex jitwettaq. Il-Kaptan Barbara staqsa wkoll jekk dan ifisser li, jekk il-proġett jittawwal, it-triq ser tibqa' miftuħa għal dan il-perjodu kollu, anke jekk iwassal għal sentejn. Is-Sindku qal li l-proġett ta' Triq Santa Duminka kien ser isir fi tlett fażijiet. Is-Sur Carlo Scicluna qal li ma kienx jaqbel mal-pjan ta' *traffic management* li kien sar peress li l-karozzi kollha ġew devjati għaċ-ċentru ta' Ħaż-Żabbar minflok bil-kontra. Spjega li fil-passat il-pjanti kienu jinkludu li parti mir-razzett fi Triq Santa Duminka kellha titneħħa biex titwessa' it-triq, iżda dan baqa' ma sarx. Is-Sur Carlo Scicluna żied jgħid li Triq Bieb is-Sultan ~~Santa Duminka~~ saret tkun *two way* għal tul it-triq kollha, ħlief l-aħħar parti. Is-Sindku spjega li Infrastruttura Malta segwiet il-linji gwida stipulati fil-*Local Plan* tal-2005. Is-Sur Leone Sciberras talab aktar dettalji dwar il-proġett ta' tisbiħ fi Triq Alessio Erardi. Is-Sindku qal li l-Kunsill tefa' il-kunċett imbagħad il-pjanti ser jiġu ppreparati minn Infrastruttura Malta u wara jgħaddu għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku staqsa liema pjanti

ġew sottomessi mal-applikazzjoni apparti dawk ta' Misraħ is-Sliem. Is-Sindku qal li ġew sottomessi l-pjanti u rapport tac-*cycle lane*. Fuq proposta tas-Sindku, li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill approva unanimament l-applikazzjoni ta' Vjal Kulħadd, flimkien mal-proġetti mniżżla fiha, li kienet sottomessa mis-Sindku fil-gimgħa li għaddiet. Emendati

606.3.18 Is-Sindku tkellem dwar l-attivitajiet li saru ta' *Halloween* mill-għaqdiet lokali u nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand l-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel sabiex l-ispiża tal-uffiċjali matul l-attività tiġi koperta mill-iskema tar-Reġjun Port, u talba għall-kollaborazzjoni mingħand is-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ. Is-Sindku spjega li l-fond tar-Regjun Port kien ta' €4,500. Dan il-fond inqasam bejn il-Kunsill u l-għaqdiet lokali u kien ġie eżawrit kollu. Fir-rigward tat-talba għall-kollaborazzjoni mis-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ, is-Sindku qal li l-korrispondenza ntbagħtet fl-10 ta' Ottubru, iżda l-laqgħa li fiha l-Kunsill kien ser jiddiskuti din il-materja ma saritx minħabba nuqqas ta' quorum. Il-Viċi Sindku esprima l-fehma li m'għandhiex tingħata l-impressjoni li l-Kunsill naqas milli jikkollabora mas-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ minħabba l-fatt li l-laqgħa ma seħħitx. Is-Sindku ppreżenta rendikont dwar in-nefqa taħt il-vot tal-kultura, li wkoll ġie eżawrit, u qal li kull talba għall-kollaborazzjoni li rċieva l-Kunsill matul din is-sena kienet ġiet aċċettata. L-attivitajiet koprew diversi inizjattivi, fosthom l-iskola banda, Żabbar Autofest, Żabbar 5K Run, il-kunċerti tal-festa, il-kunċert ta' Ħadd in-Nies, il-kunċert ta' marċi funebri, il-*peagent* tal-Erbgħa tat-Tniebri, reklamar u avviżi fil-ktieb tal-festa, il-*Beer Festival*, kunċert tal-allievi, infurzar lokali taħt l-iskema tar-Reġjun Port, kif ukoll ħlas għat-tiżjin tal-Milied li ser jitħallas ukoll mill-iskema tar-Reġjun Port. Is-Sindku spjega li kull sena l-Kunsill kien qed iżid in-nefqa u n-numru ta' attivitajiet li jiġu organizzati bil-kollaborazzjoni mal-għaqdiet lokali, u din is-sena in-nefqa medja għal kull għaqda laħqet madwar €10,000. Barra minn hekk, hemm aktar għaqdiet lokali li l-Kunsill jorganizza attivitajiet bil-kollaborazzjoni magħhom. Il-Viċi Sindku talab li jintbgħat rendikont tan-nefqa li saret taħt il-vot tal-kultura. Is-Sindku saħaq li l-Kunsill għandu jkun għaqli fl-infiq sabiex ma jżid l-ebda piż finanzjarju addizzjonali fuq il-Kunsill li jista' iwassal għal *deficit* fil-baġit. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li flimkien mas-Sur Carlo Scicluna, kien iddiskuta li ssir laqgħa mal-għaqdiet lokali sabiex jiġi mfassal kalendarju ta' attivitajiet għall-kollaborazzjoni magħhom, u l-għaqdiet jiġu nfurmati dwar il-baġit annwali tal-Kunsill għat-tip ta' attivitajiet. Is-Sindku enfasizzat li mhux ser ikun possibbli għall-Kunsill li jalloka fondi addizzjonali minbarra dawk miftiehma. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri, speċjalment lill-membri ġodda, li matul din is-sena l-Kunsill approva spejjeż mhux pjanati li ħallew impatt fuq il-baġit, fosthom ħlas ta' *meters* tad-dawl u l-ilma fejn saru proġetti mill-Gvern Ċentrali jew mill-*Wasteserv*, kif ukoll il-ħlas għas-servizz tal-*internet* marbut ma' *CCTV* kameras installati madwar il-lokalità. Il-Viċi Sindku qal li l-kultura f'Ħaż-Żabbar qed tikber u għalhekk is-sena d-dieħla l-Kunsill għandu jżid il-vot tal-kultura. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill għandu joqgħod attent fuq in-nefqa, speċjalment meta jkun meħtieġ, għandu jkun kapaċi jgħid "le" fejn ikun hemm limitazzjonijiet finanzjarji. Is-Sur Leone Sciberras staqsa jekk il-Kunsillieri għandhomx iressqu proposti għall-attivitajiet li jixtiequ jorganizzaw. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv u qal li kien ser jiltaqa' ma' kull Kunsillier individwalment sabiex, fejn possibbli, dawn l-attivitajiet jiġu inklużi fl-estimi annwali tal-Kunsill.

**606.4 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

606.4.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn l-24 ta' Settembru 2024 u l-4 ta' Novembru 2024 li kienet tammonta għal €208,634.87. Il-Viċi Sindku staqsa dwar il-pagament relatat mal-latrina kienx sar permezz ta' *direct order* u jekk l-individwu li qed jieħu ħsieb it-tindif tagħhom kienx ser jinbidel. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv u żied jgħid li bħalissa l-latrina kienet magħluqa.

**606.5 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju Jannar- Settembru 2024**

606.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill il-*Financial Report* għall-perjodu Jannar - Settembru 2024. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill approva unanimament il-*Financial Report* għall-perjodu Jannar - Settembru 2024. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li f'dan il-kwart kellhom isiru diversi trasferimenti ta' voti. Is-Sindku spjega li kien hemm żieda fl-ispiża fil-vot 'manutenzjoni ta' bozoz' minħabba li din is-sena kull bozza li nqgħatet inbidlet bid-demarcation box b'kollox.

**606.6 Ingaġġ Skrivan/a (Skala 15)**

606.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-Kunsill kien irċieva numru ta' applikazzjonijiet fir-rigward tal-post vakanti ta' skrivan /a (skala 15) u għaldaqstant talbet sabiex jinħatar Bord tal-Għażla biex ikun responsabbli mill-proċess tal-għażla biex eventwalment iressaq ir-rakkomandazzjoni tiegħu għad-deċiżjoni finali tal-Kunsill. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament illi jinħatar Bord tal-Għażla għall-ingaġġ ta' skrivan/a - skala 15 u jkun kompost mis-Sindku, mis-Segretarju Eżekuttiv, mis-Sinjura Anna Calleja u mis-Sur Joseph Agius.

**606.7 Deċiżjoni / Aġġudikazzjoni ta' offerti:**

- **Kuntratt għall-ġbir ta' skart goff - ZLC 4/2022**

606.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-kuntratt ZLC 4/2022 għas-servizz ta' ġbir ta' skart goff li l-Kunsill għandu mas-Sur Saviour Mifsud, kien ser jiskadi fid-19 ta' Frar 2025 u għalhekk il-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx jew le dan il-kuntratt. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jerġa' iġedded dan il-kuntratt għal sena oħra addizzjonali bl-istess rati u kundizzjonijiet.

**606.8 Monument tal-Granmastru Ferdinand Von Hompesch**

606.8.1 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li dan l-*item* ser jiġi diskuss f'laqgħa oħra peress li bħalissa għandu biss l-abbozz tal-monument, u l-artist għadu ma kkomunikax l-ispiża għall-monument.

606.8.2 Is-Sur Leone Sciberras ressaq ilment li kien irċieva, fejn irrimarka li fil-preżent ir-roundabout li fiha ser isir il-monument tal-Granmastru Ferdinand Von Hompesch

tinsab mudlama u mhux viżibbli biżżejjed għas-sewwieqa. Is-Sindku wieġeb li ż-żona hija meqjusa mdawwla biżżejjed minħabba l-preżenza tal-lampi tat-triq fil-madwar.

**606.9 Ittri Legali**

606.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv iddikkjarat kunflitt ta' interess dwar dan il-każ minħabba li r-rikorrenti kienet tiġi minnha.

606.9.2 Is-Sindku qal illi wara li ntbgħatet l-ittra legali lit-Tribunal biex il-Kunsill jinfurmah bid-deċiżjoni li kienet bagħatet ir-rikorrenti, il-Kunsill irċieva ittra legali mingħand ir-rikorrenti li fiha talbet lill-Kunsill sabiex jerġa' jikkunsidra t-talba preċedenti tagħha. Sussegwentement, ir-rikorrenti bagħatet ukoll email fejn talbet għal laqgħa mas-Sindku.

606.9.3 Fis-7.13 ta' filgħaxija l-laqgħa ġiet sospiża għal ftit minuti sabiex id-diskussjoni issir fi stadju ta' kumitat.

606.9.4 Fis-7.28 ta' filgħaxija il-laqgħa tkompliet.

606.9.5 Peress illi fil-laqgħa preċedenti diġa kienet ittieħdet deċiżjoni dwar dan il-każ, is-Sindku qal illi kien ser jerġa' jiddiskuti din il-materja fil-laqgħa li jmiss.

**606.10 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

606.10.1 Il-Viċi Sindku rrefera għall-*email* li kien bagħat u ppreżenta b'mod formali t-talba tiegħu biex il-laqgħat tal-Kunsill jibdew jixxandru wkoll fuq il-paġna tal-midja soċjali tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku qal li l-*live streaming* tal-Kunsill ma kienx qed jaħdem kif suppost għax qed ikollhom interruzzjonijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv ċaħdet dan u spjegat li l-kwistjoni tista' tkun dovuta għal problema fil-konnessjoni tal-internet tal-individwi u mhux tal-Kunsill. Is-Sindku rrimarka li m'għandu l-ebda oġġezzjoni biex il-laqgħa tkun aċċessibbli għal kulħadd, u li l-laqgħat tal-Kunsill diġà qed jixxandru kif mitlub mil-liġi. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-*link* tal-*website* fejn jixxandar il-*live streaming* għandu jitpoġġa fuq il-paġna tal-midja soċjali tal-Kunsill biex tiġi evitata nefqa bla bżonn. Il-Viċi Sindku qabel ma' din il-proposta u talab li, f'każ li l-ilmenti dwar problemi fil-*live streaming* jerġgħu jinqalgħu, il-Kunsill għandu jikkunsidra mill-ġdid ix-xandir dirett tal-laqgħa fuq il-paġna tal-midja soċjali tiegħu.

606.10.2 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi d-dawl ta' taħt il-loġoġ tal-bini taċ-Ċentru Ċiviku kien mitfi. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kien hemm it-*timer* bil-ħsara u kkonfermat li t-tiswija kienet mistennija ssir fil-jiem li ġejjin.

606.10.3 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa dwar il-pjanijiet relatati mal-vaċċinazzjoni kontra l-influwenza. Is-Sindku spjega li din is-sena kien hemm disponibbli tlett vaċċini li jistgħu jingħataw f'sessjoni waħda, u li bħala prevenzjoni, dawn iridu jingħataw fil-preżenza ta' tabib mediku. Is-Sindku qal li biex il-Kunsill joffri dan is-servizz, kien meħtieġ li jiġi tabib, u li l-prezz għall-ħlas tas-servizz varja bejn €40 u €45 fis-siegħa. Sabiex il-Kunsill ma jidħolx fi spejjeż, is-Sindku qal ukoll li ser jipprova jġib servizz

ta' tabib b'xejn u kien ukoll se jiddiskuti din il-materja waqt konferenza li kien ser jattendi.

606.10.4 Is-Sur Joseph Buttigieg esprima r-ringrazzjamenti tiegħu lill-Kaptan Patrick Barbara għall-intervent tiegħu, permess li kienu inżebgħu l-*hatching lines* fi Triq tal-Labour.

606.10.5 Is-Sinjura Anna Calleja qalet li kienet qed tippjana li torganizza attività għat-tfal tal-iskola fil-Jum Dinji tat-Tfal li se ssir fl-20 ta' Novembru, mingħajr spejjeż għall-Kunsill. Is-Sinjura Calleja spjegat li matul din l-attività, it-tfal tal-iskola se jkollhom l-opportunità li jħawwlu pjanti. Is-Sindku qal li se jiddiskuti din l-inizjattiva mal-ERA, *Parks Malta* u *Project Green* sabiex tiġi din l-attività tiġi organizzata b'kollaborazzjoni magħhom.

606.10.6 Is-Sinjura Anna Calleja qalet li l-*bus shelter* ta' Triq ix-Xgħajra kellu bżonn ta' manutenzjoni. Is-Sindku qal illi fil-jiem li ġejjin kien ser jeħel il-*bus shelter* fiż-żona ta' St Peter u wara l-*bus shelter* ta' Triq l-Aħħar Ħbit mit-Torok.

606.10.7 Is-Sur Leone Sciberras staqsa f'hix waslet it-talba tiegħu sabiex jitwaħħlu *CCTV* kameras f'Misraħ San Nikola sabiex jonqos l-abbuż ta' skart. Is-Sindku qal illi kienu għadhom qed jinġabru l-kwotazzjonijiet.

606.10.8 Is-Sur Leone Sciberras talab lis-Sindku jiltaqgħu qabel imorru l-laqgħa mas-*CRPD* sabiex ikunu ppreparati adegwament għal-laqgħa.

606.10.9 Is-Sur Carlo Scicluna talab li tittieħed azzjoni biex titwaħħal tabella li tagħmilha ċara li ma tistax issir *u-turn* bil-vetturi fiż-żona ta' quddiem Bieb ta' Sultan, minħabba li l-vetturi m'humiex idawwru kif suppost mal-mina. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill iqabbad lill-perit tiegħu sabiex jippjana disinn li jinkludi *central strip* u parkeġġ għall-vetturi. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li din it-triq ma taqax taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill. Fuq il-proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill approva unanimament li jitlob lill-perit tal-Kunsill jiddisinja l-pjanti u jibgħat il-proposta lil Transport Malta.

606.10.10 Is-Sur Carlo Scicluna qal illi fi Triq Profs JG Baldacchino kien qed jintrema skart illegalment.

606.10.11 Is-Sur Carlo Scicluna semma li kien qed jinnota li ħafna mill-ilmenti li kien qed jirċievi kienu relatati ma' xogħol ħażin li kien sar mill-kuntrattur, u minkejja li kienu qed jiġu rrapportati, ma kinitx qed tittieħed azzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-Kunsill ma jistax jagħmel kuntatt mal-kuntrattur minħabba li dan ikun imqabbad direttament minn Infrastruttura Malta. Minkejja dan, il-Kunsill kien qed jirraporta u jagħmel pressjoni ma' Infrastruttura Malta dwar l-ilmenti li jirċievi.

606.10.12 Is-Sur Carlo Scicluna qal li l-art madwar l-isprall tal-ilma tax-xita li hemm fi Triq ix-Xgħajra fil-viċinanzi ta' Wied il-Għajn, kien qed jisfronda.

606.10.13 Il-Kaptan Patrick Barbara staqsa il-għaliex il-Kunsill ma joffrix is-servizz *Silver T* barra mil-lokalità. Is-Sindku qal illi din il-materja diġa ġiet diskussa fil-laqgħa preċedenti u żied jgħid li kien qed jaħdem sabiex dan is-servizz jingħata mir-Reġjun

Port. Is-Sur Joseph Agius sostna li matul l-attivitajiet organizzati għall-anzjani, il-Kunsill għandu jippromwovi s-servizz tas-*Silver T.*

606.10.14 Is-Sur Joseph Agius talab li tiġi rranġata ħofra sfrundata quddiem l-Istitut San Ġużepp fi Triq il-Mina ta' Hompesch minħabba li kienet perikoluża.

606.10.15 Is-Sinjura Anna Calleja semmiet li xi persuni staqsew jekk kienx hemm xi inizzjattiva organizzata mil-Kunsill għall-okkażjoni ta' *Movember*. Is-Sindku staqsa lis-Sur Joseph Buttigieg jekk kienx ser jorganizza xi attività għal din l-okkażjoni. Is-Sinjura Calleja qalet li kellha kuntatt ta' individwi mill-Assoċċjazzjoni tal-Prostita' u li kienu lesti joffru l-għajnuna tagħhom f'każ li l-Kunsill kien ser jorganizza xi inizjattiva.

606.10.16 Is-Sur Carlo Scicluna qal illi *Clean Malta* kienu naddfu ż-żona tal-Biċċieni wara l-attività li saret tal-*Halloween.*

**606.11 Mozzjonijiet; u**

606.11.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**606.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

606.12.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis 5 ta' Diċembru, 2024 fis-6.00 ta' filgħaxija.

606.12.2 Il-laqgħa spiċċat fit-8.05 ta' filgħaxija.

**IFFIRMATA**
Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fis-607 laqgħa li saret nhar il-Ħamis 5 ta' Diċembru, 2024.

**IFFIRMATA**
Jorge Grech
Sindku